Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2398

24.11.2025

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/2398**

**tal-24 ta' Novembru 2025**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Settembru 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 ([1]).

(2) Fid-dawl tat-theddida kontinwa mill-ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u minn persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom, jenħtieġ li tiżdied entità waħda mal-lista ta' persuni, gruppi, impriżi u entitajiet stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693.

(3) Meta jitqies li l-entità li għandha tiżdied hija diġà soġġetta għal miżuri stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK ([2]), jenħtieġ li l-miżuri restrittivi rilevanti skont id-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 jiġu sospiżi għal dik l-entità sakemm il-miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2010/788/PESK japplikaw għaliha.

(4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6, jiżdied il-paragrafu li ġej: .

"7. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 3(3) u (4), sa fejn japplikaw għall-entità 'Allied Democratic Forces', għandhom jiġu sospiżi sakemm il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 5(1) u (2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK (*) japplikaw għal dik l-entità.

(*) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 336, 21.12.2010, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2010/788/oj).";

(2) l-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693 tal-20 ta' Settembru 2016 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2002/402/PESK (ĠU L 255, 21.9.2016, p. 25 ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2016/1693/oj).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 336, 21.12.2010, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2010/788/oj).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. LØKKE RASMUSSEN

*ANNESS*

Fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693, l-entrata li ġejja tiżdied taħt l-intestatura "B. Gruppi, impriżi u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 3":

"8. Allied Democratic Forces.".